Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Silvana Zrinzo Azzopardi)**

**vs**

**George Pace ta' 22 sena, iben John**
**u Mary Dolores xebba Micallef, mwieled H'Attard**
**fis-7 ta' Marzu, 1979,**
**u joqghod 6, Mdina Road, Qormi,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**183179 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi George Pace li gie akkuzat talli fl-20 ta' Mejju, 2001 ghall-habta tad-9.30 – 9.45 a.m. gewwa Triq l-Imdina, Qormi bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe ferita gravi fuq il-persuna ta' PS 1298 Lambert Zammit persuna li hu nkarigat skond il-ligi mis-servizz pubbliku, wera dan il-hsieb b'atti eseterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma sehhx minhabba xihaga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghu u dan ai termini tal-artikoli 41(1)(a), 214 u 216 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta,

Talli fl-20 ta' Mejju, 2001 ghall-habta tad-9.30 - 9.45 a.m. gewwa Triq l-Imdina, Qormi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 1298 Lambert Zammit skond kif iccertifika Dr R. Tonna MD tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana, persuna li hu nkarigat skond il-ligi mis-servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat talli fl-20 ta' Mejju, 2001 ghall-habta tal-9.30 - 9.45 a.m. gewwa Triq l-Imdina, Qormi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe kontra PS 1298 Lambert Zammit u dan ai termini tal-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat talli fl-20 ta' Mejju, 2001 ghall-habta tad-9.30 - 9.45 a.m. gewwa Triq l-Imdina, Qormi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' persuni li jkunu inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiet taghhom, billi ma halliex lil min hu nkarigat jaghmlu dak bil-ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu jew billi gab fix-

xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi u dan ai termini tal-artikoli 338 (ee) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar akkuzat talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri Maltin (Lm 10) ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u dan bi ksur tal-artikolu 325 (d) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b’xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dan ai termini tal-artikolu 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura ta’ tip Daihatsu, bin-numru ta’ registrazzjoni BAG-467 kontra s-sinjali tat-traffiku kif indikat f’dik il-lokalita’ u dan ai termini tal-Legal Notice 94/69.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrifjuta jaghti, jew ta falz, lil PS 1298 Lambert Zammit ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra u dan ai termini tal-artikolu 338(g) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ PS 1298 Lambert Zammit u l-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ulterjorment il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tiskwalfika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni kull licenzja tas-sewqan skond il-ligi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali procedura u li kien wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi dawn l-akkuzi in dezamina originaw meta l-akkuzat gie mwaqqaf mill-pulizija talli huma rawh isuq kontra d-direzzjoni tat-traffiku. Kien hawn li jidher li bejn George Pace u s-surgent Lambert inqala incident li anke wassal biex it-tnejn isofru feriti ta' natura hafifa.

Fil-fatt kemm is-surgent Lambert kif ukoll PC 810 Carlo Anastasi xehdu li huma raw lil Pace isuq kontra l-one way u waqqfuh. Pace kif gie nformat li kienu se jirraportawh ghamel mossa oxxena b'subajgh u kompla jsuq. Regghu lahquh, hawn waqqfuh. Pace hareg mill-vettura minnu misjuq u hareg ghas-surgent, tant li anke beda jxejjer bis-sieq u laqat lil Lambert f'kuxtejh. Jaqbblu x-xhieda li f'dan l-incident Pace hedded ghal darba tnejn lis-surgent u sahansitra anke qattghalu l-qmis. Dan ma spiccax hawn, anzi meta gie mitlub il-particulars tieghu, ghax hawn kien se jigi arrestat mis-surgent, jidher li hu harab liz-zewg pulizija mar hdejn il-karozza tieghu, waqt li qed jehded li kien se jgib sikkina u minflokk hareg sieq ta' siggu forma ta' lembuba.

Quddiem din il-Qorti gew esebiti kemm is-sieq tas-siggu li Pace allegatament hareg ghal pulizija, kif ukoll tornavit li nstab fil-vettura tieghu wara li gie effettivament arrestat u saret id-debita search.

Jigi rilevat ukoll li George Pace anke kif jidher mill-ircevuta esebita a fol 40 hallas l-ispejjez tal-qmis tas-servizz tas-surgent Lambert, dan dejjem bla pregjudizzju ghal akkuzi migjuba kontra tieghu.

L-akkuzat ghazel li dwar dan l-incident jirrilaxxa stqarrija. Fiha spjega li ghadda kontra l-one way a kawza tax-xogholijiet fit-triq u minhabba li l-karozza tieghu kienet baxxa, beza li ha jkisser is-samp ta' l-istess. Qal li hu pprova jispjega dan il-fatt il-pulizija billi gholla jdejh u telaq. Qal lill- pulizija saqu warajh, is-surgent ordnalu biex jitla' fil-karozza tal-pulizija, anzi jigu biex jitla. Qal li kien hawn li hu qal lill-pulizija biex ma jinbuttawx, gibidlu l-qmis u ta' hekk il-pulizija tah daqa ta' sieq.

Ghal mistoqsija jekk hu meta nizel mill-karozza marx ghas-surgent, dahhallu subajgh f'ghajnejh, imbuttah, carratlu l-qmis, mar jigri gol karozza bit-theddida li kien se jgib sikkina u minflokk hareg sieq ta' siggu forma ta' lembuba, ma tax spjegazzzjoni.

Pace xehed ukoll viva voce. Spjega ghala hu ghamel U turn u li waqqfuh il-pulizija. Spjega li bejnu u bejn l-pulizija inqala xi disgwid ghax talbu l-particulars pero' mitlub biex jinzel l-ghassa hu ma riedx imur maghhom. Qal l-akkuzat li hu ma riedx jitlaq il-karozza warajh minhabba l-kontenut taghha u ried li jinzel warajhom bl-istess vettura tieghu. Zied ukoll li ghax ma riedx imur maghhom kien hemm kuntatt fiziku bejniethom fis-sens li pulizija anke beda jigbdu. Kien hawn skond l-akkuzat li hu hareg injama zghira ta' siggu li skondtu, hu kien sejjer isewwi. Innega li hu wegga xi pulizija jew li qattghalu xi haga. Wara anke battibekki ta' diskors xejn lodevoli bejniethom, l-akkuzat nizel l-ghassa.

Ikkonsidrat

Illi jekk wiehed ihares lejn dak li qal l-akkuzat fl-istqarrija a tempo vergine u dak li xehed minn jeddu malajr wiehed jinduna li fl-istqarrija hu aktar ikkorobora dak li xehdu l-pulizija. Fil-fatt il-Qorti ssib l-iskuza ta' l-akkuzat li hu kien se jmur isewwi sieq ta' siggu bhala wahda ghal kollox monka, oltre hekk it-tezi tieghu li hu kien mizmum mill-pulizija pero' xorta rnexxielu jahrab u sahansitra jgib sieq ta' siggu minn gol-karozza kemm xejn inverosimili. Dan kollu qed jinghad ghax aktar tard viva voce l-istess Pace jghid li fid-daghdiha tad-demm ghazel li jirrikorri ghall-injama. Lanqas ma eskluda ghalkemm ma jafx li qal hekk, li hu qal lill-pulizija li kien se jmur igib sikkina. Ta' dan pero` hu ta ukoll l-ispjegazzjoni li ghamel hekk ghax is-surgent tah daqqa ta' sieq u anke girfu.

Dwar il-griehi tas-surgent qal li dawn gew fuqu *" ..meta bdejna nillitikaw u ggebbidt"* ( a fol 79).

Dwar it-turnavit qal li dak hu ta' missieru, fil-fatt jidher li l-vettura li kien qed isuq hija tal-missier.

Konsiderando dak kollox espost, il-Qorti hija konvinta li Pace irreagixxa b'mod totalment sproporzzjonat ghas-sitwazzjoni u cjarament l-azzjonijiert tieghu jwasslu ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 41, 214, 216, 95, 96 , 325 tal-kap 9. Tqis ukoll li r-reati kontravenzjonali lilu addebitati huma preskritti.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali ta' George Pace, ikkonsidrat is-serjeta tar-reat, rat l-artikolu 28A kap 9 tikkundannah sitt xhur habs sospizi ghal sena.

Rat ukoll l-artikolu 383 tal-Kap 9 u qeghda torbot li GEORGE PACE taht obbligazzjoni ta' mitt lira Maltin ghal

tnax il-xahar mil lum  li la javvicina u lanqas jkellem lil PS 1298 Lambert Zammit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------